**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Decizjoni Numru 2439

Kaz Numru 3306/KBC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn

Luke Cutajar

u

Megaline (M&E) Limited

Chairperson: Dr Katrina Borg Cardona

Illum, 30 ta' Settembru, 2016

It-Tribunal:

Ra r-rikors tal-21 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu r-rikorrent allega li l-impieg tieghu kien gie terminat ingustament.

Ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-rikorrent.

Ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-Socjetà ntimata li permezz taghha ggustifikat it-tkeccija ghal ragunijiet ta' dixxiplina billi kien hati ta' glied waqt il-hin tax-xoghol.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjetà ntimata.

Semgha x-xhieda ta' Glen Mula li qal li sema' hoss kbir u mar jara x'gara. Ra lil Sebastian Schembri ma' l-art u r-rikorrent itih bis-sieq. Mistoqsi qal li ma semghax kliem, ghajjat jew tghajjir qabel il-hoss izda kien naqra 'l boghod minnhom.

Sema' x-xhieda ta' Daniel Grima, Project Manager, li ssejjah fuq il-post wara l-incident, u dan qal li ra lil Sebastian Schembri ma' l-art u r-rikorrent bilqieghda b'suldat mieghu. Hu rrapporta dak li kienu qalulu lill-imghallem, Manwel Abela. Imbaghad wassall lir-rikorrent id-dar.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Attard, Site Foreman, li qal li kien 3 jew 4 metri 'l boghod minn fejn sar l-incident u ma sema' ebda diskors jew argumenti. Sema' lil Sebastian Schembri jghajjat li qala' daqqa mbaghad rah ma' l-art u r-rikorrent itih bis-sieq fl-istonku. Imbaghad gew il-pulizija u l-ambulanza u ta' l-ahhar hadu lil Sebastian Schembri l-isptar.

Sema' x-xhieda ta' Sebastian Schembri li qal li r-rikorrent gie minn warajh u tah daqqa ta' nvell go rasu. Qal li qabel ma tah id-daqqa ma kien hemm ebda kliem jew argumenti. Meta dar lejh ir-rikorrent stiednu ghall-glied, izda kif ipprova jimxi storda u waqa' ma' l-art u r-rikorrent beda jtih bis-sieq. Mistoqsi Sebastian Schembri qal li r-rikorrent kien jghid lil kullhadd dak li kien jaghmel mat-tfajla tieghu izda meta hu sar jafha din qaltlu li ma kien veru xejn. Hu kien qallu b'dan quddiem il-haddiema l-ohrajn u r-rikorrent ha ghalih u ma baqghux jitkellmu.

Sema' x-xhieda ta' Emanuel Abela, dirigent tas-socjetà, li qal li kien sorpriz b'dak li qalulu li kien ghamel ir-rikorrent ghax kien haddiem ezemplari. Izda ma setghax izommu fl-impieg ghaliex glied fuq il-post tax-xoghol, skont regolamenti li jiffirma kull impjegat, kien kaz ta' mgieba hazina li jimmerita tkeccija minnufih. U dan specjalment ghax in-natura tax-xoghol taghhom kien digà perikoluz bizzejjed u ma setghax jippermetti riskji akbar. Qal li r-rikorrent qatt ma nforma lilu jew lis-superjuri tieghu li kellu xi problema ma' Schembri ghax kieku ma kienx jibghathom jahdmu flimkien. Kien mar ikellmu missier r-rikorrent u qallu "skuzani ma nafx x'tah u l-ghala ghamel hekk it-tifel tieghi". Ix-xhud ipprezenta kopja tal-kondizzjonijiet tax-xoghol tas-socjetà.

Is-socjetà tikkontendi li r-rikorrent gab fuqu t-tkeccija billi ma kien hemm ebda dubju li kien hati ta' glied fuq il-post tax-xoghol. Ghalhekk skont il-kondizzjonijiet tax-xoghol li kien iffirma ghalihom kien hati ta' mgieba hazina serja li ggib maghha tkeccija minnufih. Ir-rikorrent qatt ma nforma lis-superjuri tieghu jew lis-sid tas-socjetà dwar xi disgwid ma' mpjegat iehor ghax kieku s-socjetà ma kienetx tibghatu jahdem mieghu fuq l-istess site. Ghalhekk ma tax possibbiltà li s-socjetà ssib rimedju. Minflok agixxa b'mod irresponsabbli li gab il-konsegwenzi fuqu.

Ir-rikorrent mhux qed jichad li ggieled ma' haddiem iehor fuq il-post tax-xoghol u qed jibbaza l-kaz tieghu fuq li ma nghatax opportunita li jiddefendi ruhu.

Mix-xhieda jirrizulta li r-rikorrent kien ha ghalih fuq xi rimarki li ghamel Sebastian Schembri quddiem shabhom haddiema dwar tfalja li kellu r-rikorrent u minhabba f'hekk ma baqghux jitkellmu. Jirrizulta wkoll li ta daqqa fuq ras Sebastian Schembri u tah bis-sieq waqt li kienu fuq il-post tax-xoghol fuq site tal-AFM. Kienet x'kienet ir-raguni dan qatt ma kien gustifikat, anke jekk seta' kien hemm element ta' provokazzjoni. Dan jikkwalifika bhala ksur serju ta' dixxiplina li skont ir-regolamenti tas-socjetà jwassal ghal tkeccija minnufih.

It-Tribunal jikkonsidra li s-socjetà ma setghatx izzomm ir-rikorrent fl-impieg wara dak li ghamel u agixxiet skond ir-regolamenti li bihom intrabtu l-haddiema. Ghalhekk jiddeciedi li t-tkeccija tar-rikorrent kienet ghal raguni gusta u sufficenti fil-ligi u konsegwentement jichad it-talba tieghu.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet jiffissa s-somma ta' tlieta u disghin ewro u sbatax il-centezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artiklu 78(1) tal-Kap 452 it-Tribunal jiddikjara li minhabba differimenti u n-numru ta' seduti ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata fi zmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**